MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 1816/2003

**Maltacom plc.**
**Vs**
**Carmel Vella Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici li bih talbet lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' sebgha mija u erbatax-il lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm714.98), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' hsarat minnhom ikkagunati fil-proprjeta' ta' l-istess socjeta' attrici waqt xogholijiet fi triq Rihan, San Gwann fl-10 ta' Novembru, 2000 (Inv. 8658) skond *invoice* mibghutha lilhom u li iggib in-numru 8537;

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti;

Bl-ispejjes, inkluzi dik ta' l-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali;

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li kkontestat it-talba tas-socjeta' attrici peress illi s-socjeta' konvenuta m'ghandha x'taqsam xejn ma' l-incident u l-hsara mertu ta' dina l-kawza;

Illi ukoll is-socjeta' konvenuta hija mharrka inutilment u b'mod skorrett u fi kwalunkwe kaz m'hix responsabbli bl-ebda mod ghall-incident de quo;

Salv eccezzjonijiet ultejuri;

Ra x-xhieda ta' Victor Busuttil fil-kapacita' tieghu bhala *Senior Technical Officer* mas-socjeta' attrici li jispjega li dwar l-incident li sehh fl-10 ta' Novembru, 2000 ma kien ircieva l-ebda applikazzjoni sabiex isiru xi xogholijiet u skavar li bilfors iridu jghaddu taht idejn l-ufficju tieghu, minn fejn imbaghad johorgu l-istruzzjonijiet;

Dwar l-incident jikkonferma li kien ircieva telefonata minghand il-*foreman* li kien hemm hsara fil-*cable*;

Ra x-xhieda ta' Anthony Vella li f'dak iz-zmien ta' l-incident kien *Technical Executive* mal-Maltacom. Ighid li fid-9 ta' Novembru, 2000, u cioe' gurnata qabel ma sehh l-incident, kien mar *technician* tas-socjeta' attrici sabiex jivverifika x'*cables* kellhom imexxu u meta nizlu fuq il-post l-ghada sabu li l-*cables* u l-pilastru kienu maqlughin minn posthom u fl-inhawi kien jinstab jahdem il-kuntrattur Carmel Vella Limited. Kien kellem lil certu Guzi Cauchi mis-socjeta' konvenuta li kien qallu li l-pilastru kien waqa' wahdu. It-*technician* kien certu Jason Aquilina li kien mar hemm fid-9 ta' Novembru, kif ukoll fl-10 ta' Novembru;

Ra x-xhieda ta' Anthony Grech li ghandu l-grad ta' *Senior Technical Officer* mas-socjeta' attrici li jispjega li fid-9 ta' Novembru, 2000 kien ircieva telefonata minghand il-*foreman* fejn gie infurmat li kien hemm xi *cables* maqtughin fl-art f'San Gwann. Mar fuq il-post u kien ra l-cables mal-art ma' genb l-arblu;

Ra x-xhieda ta' Joseph Chircop, mill-Awtorita' tat-Trasport li jikkonferma li mill-investigazzjonijiet li ghamel ma rrizultalux li kien hemm xi permess mitlub biex isiru xi xogholijiet fl-*area* indikata;

Ra x-xhieda ta' Tiziana Zammit in rappresentanza tal-Kunsill Lokali ta' San Gwann minn fejn jirrizulta li ma kienx hemm permessi ghax-xogholijiet fi Triq Rihan, San Gwann fl-10 ta' Novembru, 2000 u lanqas ma rrizulta li kienet saret xi applikazzjoni f'dan is-sens;

Ra x-xhieda ta' Joseph Cauchi li jichad li kienu qed isiru xi xogholijiet fi Triq Rihan, San Gwann u jghid li l-aktar seta' kien hemm xi ingenji tieghu peress li jinstab ma' Malta kollha. Ighid ukoll li ma kienx hemm applikazzjoni ghal xoghol f'dik it-triq. Kienu fil-fatt qed jahdmu fil-vicinanzi ta' Triq Rihan, kantuniera mal-*main road* u kienu qed jaghmlu xoghol ta' thaffir, skavar, thammir u tqattiegh ta' blat;

Ix-xhud ighid li hu kien qieghed jahdem bhala *sub-contractor*, ghaliex il-kuntrattur kien l-Herba Constructions Ltd. Sa fejn jiftakar, il-kuntrattur kien qallu li kien hemm permess mill-MEPA. Minkejja li ssoltu jara l-permess, din id-darba ma setax jiftakar;

Jikkonferma li kienu qed jahdmu fil-vicinanzi ta'arblu tad-dawl u jghid li dan kien gie ixxiftjat u kien biss f'dak il-hin li avvicinaw lejh bit-thammil;

Ix-xhud jistqarr ukoll li bejn il-plot fejn kienu qed jahdmu u l-arblu kien hemm bicca blata li ma qacctux;

Ighid li meta beda x-xoghol ta' twaqqieh ma kienx hemm dawl u kienu l-unici nies li hadmu. Jikkonferma ukoll li l-*main contractor* kien qallu li kien informa l-entitajiet u s-servizzi kollha u jghid li dan kien fid-dmiru ghax ma kienitx responsabbilita' tieghu;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

Dan il-kaz huwa wiehed minn hafna li jkollha tinfaccja is-socjeta' attrici, izda mhux necessarjament kull kaz huwa l-istess u bla diffikultajiet ghal dawk li huma provi;

Il-gurisprudenza nostrana stabbiliet diversi kundizzjonijiet li ghandhom jigu soddisfatti qabel l-Onorabbli Qorti tiddetermina jekk il-konvenut kienx responsabbli ghall-hsarat li tkun garbet is-socjeta' attrici;

***"Izda stante li dan ix-xoghol kien ser jigi ezegwit f'toroq pubblici fejn necesssarjament jkun hemm il-presenza ta' "equipment" ta' diversi entitajiet ohra governattivi kif ukoll, f'xi kazi, private, bhal ma huma pipijiet ta' l-ilma u tad-drenagg, servizzi tal-elettriku u tat-telefon…….l-persuna inkarigat mis-socjeta' konvenuta, li effettivament tkun "the front man," waqt ix-xoghol, trid necessarjament tkun ukoll kompetenti sabiex tassikura li ma tigi kkagunata l-ebda hsara f'dawn l-impjanti u partikolarment tkun ukoll konxja tar-regolamenti relatati ma' dawn it-tip ta' xogholijiet. Senjatament li tkun taf xi jfissru l-marki li jsiru mid-diversi entitatjiet pubblici jew private, fuq is-superfici tat-triq u daqstant importanti, kif ghandu jigi ezegwit x-xoghol meta jigu riskontrati dawn l-ostakoli."***

Ukoll, fil-kaz **Anthony Ventura noe. vs Nazzareno Vassallo et.noe. (deciza 27.06.2003 PA)** fejn dik l-Onorabbli Qorti rreferiet ghal-Ligijiet tal-Pulizija, precisament ghall-Artikolu 27 (1) u enunciat li "***hadd ma jista' jibni jew jaghmel thaffir li jmiss mat-triq jew f'boghod ta' hmistax-il metru minn triq, minghajr qabel ma jaghti avviz ta' dan lill-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta.***"

Fil-kaz in kwistjoni, hemm provi konfliggenti ghal dak li jirrigwarda fejn sehhew l-allegati hsarat. Is-socjeta' attrici tinsisti li rapprezentant taghha nizel fuq il-post fejn kien qed isir it-thaffir u hemm ra l-ingenji tas-socjeta' konvenuta, li da parti taghha qed tinsisti li ma kienitx hi, izda kienet qed tahdem fil-kapacita' tas-*sub-contractor* u

kienet responsabbilita’ tal-*main contractor* sabiex igib il-permessi relattivi;

Mill-provi prodotti, jidher li l-kaz tas-socjeta’ konvenuta huwa pjuttost dghajjef. Is-socjeta’ attrici gabet diversi provi sabiex it-Tribunal jista’ jkun konvint li x-xogholijiet ta’ thammil u skavar kienu qed isiru jekk mhux fi Triq Rihan, fil-vicinanzi u inoltre gab provi sostanzjali li ma kienx hemm applikazzjoni ghal permess, kemm mill-Awtorita’ tat-Trasport, kif ukoll mill-Kunsill Lokali. Minkejja li s-socjeta’ konvenuta ddikjarat fix-xhieda taghha li kien hemm xi permessi mal-MEPA, dawn qatt ma gew prodotti;

Jibqa’ biex tigi determinata t-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta u cioe’ li ma kienitx responsabbli peress li kienet giet inkarigata taghmel ix-xoghol fuq “*sub-contracting*”. Meta il-*main contractor*, li f’dan il-kaz kienet is-socjeta’ Tal-Herba Construction limited, kienet inkarigat lis-socjeta’ konvenuta kien fid-dmir tieghu li jinforma lis-socjeta’ konvenuta li kien applika ghal permessi relattivi sabiex ikollu l-permess biex jibda x-xoghol ta’ thaffir u skavar, dejjem jekk kien applika. Jekk dan ma kienx minnu ghandu ugwalment jirispondi ghal tali nuqqas ghax galadarba kien nkarigat mix-xoghol kellu d-dover jikkonferma li dan seta’ jsir regolarment. Fil-fehma tat-Tribunal dan in-nuqqas da parti tas-socjeta’ konvenuta igorr mieghu il-konsegwenza li jekk sar thaffir li ikkaguna hsara li setghet talvolta tigi evitata b’semplici direzzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, min kellu id-dover li japplika jew jitlob ghat tali direzzjoni u baqa inadempjenti jew min kellu d-dover jikkonferma li tali applikazzjoni kienet saret u l-permess inhareg ghandu jirrispondi ghal hsara kagunata bhala rizultat ta’ tali nuqqas;

Is-socjeta’ konvenuta tibqa’ tinsisti li ma kienitx qed tahdem fi Triq Rihan, pero’, meta mistoqsi fuq l-arblu tad-dawl, ix-xhud Joseph Cauchi, direttur tas-socjeta’ konvenuta, jikkonferma li fil-vicinanzi ta’ fejn kienu qed jahdmu kien hemm arblu tad-dawl u ghaldaqstant, it-Tribunal jhossu soddisfatt li l-partijiet qed jitkellmu fuq l-istess post jew akwati. Dan apparti l-prova li ingabet li l-

istess Cauchi meta mistoqsi ippretenda li l-arblu kien waqa' wahdu;

It-Tribunal ihoss li l-qofol tal-kaz huwa jekk is-socjeta' konvenuta ezercitat prudenza u diligenza ta' bonus paterfamilias meta wettqet ix-xoghol fil-kapacita' tas-*sub contractor* .

L-Artikolu 1037 ta-Kodici Civili jipprovdi illi ***"Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux raguni jahseb li hija ta' hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi. Din hija l-hekk imsejha regola ta' "vicarious responsibility" li ggieghel lil min jghati x-xoghol jirrispondi ghan-nuqqasijiet tal-impjegat tieghu."***

Fil-kaz in ezami, ma tressqu ebda provi f'dan is-sens u ghalhekk dan it-Tribunal irid joqghod fuq provi cirkostanzjali li johorgu mill-atti tal-process. Is-socjeta' konvenuta m'ghandiex ragun tippretendi li ir-responsabbilta' hija u ghandha tkun tal-*main contractor* ad eskluzjoni taghha. Is-socjeta' konvenuta bdiet thaffer, meta kienet konxja li ma kienx hemm marki sabiex jiggwidawha fit-thaffir taghha u minghajr ma ivverifikat meta kellha kull indikazzjoni li kien il-kaz li tivverifika stante in-nuqqas ta' sinjali. Is-socjeta' konvenuta tibqa' tinsisti li kien hemm permessi, izda ma gabet l-ebda provi biex tirribatti dak sottomess mis-socjeta' attrici. Cauchi qatt ma semma ta' lanqas li kien hemm xi marki mal-art u dan huwa fattur vitali ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza;

Wara li t-Tribunal analizza l-gurisprudenza nostrana, flimkien ma' dik citata mis-socjeta' attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, huwa jaqbel mat-tesi tas-socjeta' attrici ***li "jinkombi b'dover fuq l-appaltatur jew imprenditur "di resistere ad ordini che egli vedesse pregudizievoli alla solidita' e contrari alle buone regole dell'arte.""*** [1]

---

[1] Christine Saliba et.noe. vs Emmanuel Briffa – PA 16/06/2003 – Citaz.Nru. 937/1993

Is-socjeta’ konvenuta bhal dik li inkarigatha ghazlet li tinjora r-regoli u ghamlet ix-xoghol, tant li l-arblu spicca mal-art u gew ikkagunati l-hsarat fil-*cables* ma’ genb l-arblu u sahansitra fil-mori tal-kawza u fl-ebda stadju ma talbet il-kjamat tal-kawza tas-socjeta’ tal-Herba Construction limited;

Kien fid-dmir tas-socjeta’ konvenuta li tieqaf milli tesegwixxi ix-xogholijiet jekk ma kienitx fil-pussess tal-permessi relattivi, izda minflok ghazlet li tkompli, minkejja li kollox kien illegali. Ghaldaqstant, it-Tribunal ihoss li s-socjeta’ konvenuta ghandha tirrispondi ghal hsarat kagunati minnha u dan indipendentement minn kull responsabbilta’ li talvolta setghet kellha jew ghandha s-socjeta’ Tal-Herba Construction Limited li rebus sic stantibus m’hux meritu ta’ din il-kawza stante li ma gietx kjamata fil-kawza;

It-Tribunal jinsab ukoll soddisfatt li s-socjeta’ attrici ppruvat l-ezatezza ta’ l-ammont tad-danni reklamati;

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tordna lis-socjeta’ konvenuta thallasha s-somma ta’ sebgha mija u erbatax-il lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm714.98) liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni ma’ hsarat minnhom ikkagunati lill-proprjeta’ ta’ l-istess socjeta’ attrici waqt xogholijiet fi triq Rihan, San Gwann fl-10 ta’ Novembru, 2000 (Inv. 8658) skond invoice mibghut lilhom bin-numru 8537. Qed issir riserva favur s-socjeta’ konvenuta ghal kull dritt li jista’ jkollha *si et quatenus* kontra is-socjeta’ Tal-Herba Construction Ltd li inkarigatha taghmel ix-xoghol.

L-ispejjes tal-kawza reklamati ikunu a kariku tas-socjeta’ konvenuta u bl-imghax kif mitlub sad-data tal-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------